# ANNESS I

# KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

BTVPUR suspensjoni għall-injezzjoni għan-nagħaġ u l-baqar.

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull doża ta' ml fiha:

**Sustanzi Attivi*:**
Virus inattivat tal-Bluetongue ≥ strain specific pass level ($log_{10}$ pixels)**
(*) massimu ta' żewġ serotipi tal-virus inattivat tal-Bluetongue

| (**)Strain-specific pass levels | (**)kontenut tal-Antiġen (proteina VP2) permezz ta' immuno-assay |
|---|---|
| BTV1 | 1.9 log10 pixels/mL |
| BTV2 | 1.82 log10 pixels/mL |
| BTV4 | 1.86 log10 pixels/mL |
| BTV8 | 2.12 log10 pixels/mL |

Test finali konfermattiv tal-potenza permezz ta' seronewtralizzazzjoni fil-firien jiġi mwettaq meta lott jinħareġ fis-suq

**Sustanzi mhux attivi**:
Aluminium hydroxide ($Al^{3+}$) 2.7 mg
Saponin 30 HU**
(**) Unitajiet emolitiċi

**Ingredjenti oħra:**

| **Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra** |
|---|
| *Silicon antifoam* |
| *Phosphate buffer* |
| *Glycine buffer* |

It-tip ta' strejn (ijiet) (l-iżjed żewġ strejnijiet) inkluż fil-prodott finali jiġi selezzjonat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fil-waqt tal-manifattura u jiġi ddikjarat fuq it-tikketta.

Dehra: omoġena bajda qisha ħalib.

## 3. TAGĦRIF KLINIKU

### 3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Nagħaġ u baqar.

### 3.2 Indikazzjonijiet għal użu għal kull speċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Immunizzazzjoni attiva ta' nagħaġ għall-prevenzjoni tal-viremija* u għat-tnaqqis ta' sinjali kliniċi kkawżati mis-serotipi 1, 2, 4 u/jew 8 tal-virus tal-bluetongue (taħlita ta' massimu ta' 2 serotipi).

Immunizzazzjoni attiva ta' baqar għall-prevenzjoni tal-viremija kkawżata mis-serotipi 1,2,4 u/jew 8, u għat-tnaqqis ta' sinjali kliniċi kkawżati minn serotipi tal-virus tal-bluetongue 1, 4 u/jew 8 (taħlita ta' massimu ta' 2 serotipi).
*(taħt il-livell ta' *detection* bil-metodu validat RT-PCR ta' 3.68 $\log_{10}$ RNA kopji/ml, li jindika li ma kienx hemm trasmissjoni ta' virus infettiv).

Bidu tal-immunità: 3 ġimgħat (jew 5 ġimgħat fin-nagħaġ għal BTV-2) wara l-ewwel kors ta' tilqim għas-serotipi ta' BTV-1, BTV-2 (baqar) BTV-4 u BTV-8.
Perjodu tal-immunità: sena wara l-ewwel kors ta' vaċċinazzjoni.

**3.3 Kontraindikazzjonijiet**

Xejn.

**3.4 Twissijiet speċjali**

Laqqam annimali f'saħħithom biss.

Jekk jintuża f'annimali ruminanti ta' speċi oħra kemm slavaġ u domestiċi li huma kkunsidrati f'riskju li jiġu infettati, l-użu tiegħu f'dawn l-ispeċji għandu jsir bil-galbu u huwa rrakkomandat li l-vaċċin jiġi ttestjat fuq numru żgħir ta' annimali qabel il-tilqim ta' kollha. Il-livell ta' effikaċja għal speċji oħra jista' jkun differenti minn dak osservat fin-nagħaġ u fil-baqar.

**3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu**

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

Mhux applikabbli.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

Mhux applikabbli.

Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mhux applikabbli.

**3.6 Effetti mhux mixtieqa**

Nagħaġ u baqar:

| | |
|---|---|
| Rari ħafna<br>(<1 annimal / 10,000 annimal ittrattati, inkluż rapporti iżolati): | Reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva; Nefħa fis-sit tal-injezzjoni[1]; żieda fit-temperatura tal-ġisem[2]. |

[1]mhux aktar minn 32 ċm² fil-baqar u 24 ċm² fin-nagħaġ, li ssir residwali 35 jum wara (≤ 1 ċm²)
[2] ta' mhux aktar minn 1.7°C (b'medja ta' 1.1 °C), tista' sseħħ fi żmien 24 siegħa wara t-tilqim

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu, preferibbilment permezz ta' veterinarju, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew ir-rappreżentant lokali tiegħu jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali. Ara s-sezzjoni "Dettalji ta' kuntatt" tal-fuljett ta' tagħrif.

## 3.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Tqala u treddigħ:
Jista' jintuża waqt it-tqala u t-treddigħ.

Fertilità:
Is-sigurtà u l-effikaċja tal-vaċċin ma ġewx stabbiliti f'irġiel tar-razza. F'din il-kategorija ta' annimali il-vaċċin għandu jintuża biss skont valutazzjoni tal-benefiċċju / riskju mill-veterinarju responsabbli u/jew l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fuq il-politika kurrenti dwar il-tilqim kontra l-virus tal-Bluetongue (BTV).

## 3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

## 3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ

Applika l-proċeduri sterili tas-soltu.

Ħawwad bil-mod immedjatament qabel l-użu. Evita li jiffurmaw bżieżaq, għax dan jista' jkun irritanti fil-post tal-injezzjoni. Il-kontenut kollu tal-flixkun għandu jintuża immedjatament wara li jinfetaħ u waqt l-istess proċedura. Evita li tiftaħ iżjed minn kunjett wieħed.

Amministra doża waħda ta' ml taħt il-ġilda skont l-iskema ta' tilqim li ġejja:

- **L-ewwel kors ta' vaċċinazzjoni**

Fin-nagħaġ:
- L-ewwel injezzjoni: minn xahar 'il fuq f'annimali li qatt ma kienu ġew amministrati l-vaċċin qabel (jew minn sentejn u ħames xhur 'il fuq f'annimali ta' eta' żgħira mwielda minn nagħaġ immuni).
- It-tieni injezzjoni: wara 3-4 ġimgħat
  Għal vaċċin monovalenti li fih is-serotipi 2 jew 4 tal-virus inattivat tal-Bluetongue, jew għal vaċċin bivalenti li fih iż-żewġ serotipi 2 u 4 flimkien, injezzjoni waħda hija suffiċjenti.

Fil-baqar:
- L-ewwel injezzjoni: minn xahar 'il fuq f'annimali li qatt ma kienu ġew amministrati l-vaċċin qabel (jew minn sentejn u ħames xhur 'il fuq f'annimali ta' eta' żgħira mwielda minn nagħaġ immuni).
- It-tieni injezzjoni: wara 3-4 ġimgħat

- **Ripetizzjoni tal-vaċċinazzjoni**

Annwali.

## 3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbli, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)

Apatija rari ħafna u tranżitorja tista' tiġi osservata wara l-amministrazzjoni ta' doża doppja tal-vaċċin. L-ebda effetti oħra mhux mixtieqa ħlief dawk imsemmija f'sezzjoni 3.6 ma ġew osservati.

### 3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza

Kull persuna li għandha ħsieb timmanifattura, timporta, iżżomm, tbigħ, tipprovdi u tuża dan il-prodott mediċinali veterinarju li fih serotipi 1, 2, 4 u 8 għandha l-ewwel tikkuntattja l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħ, minħabba li dawn l-attivitajiet jistgħu jkunu pprojbiti fit-teritorju kollu ta' Stat Membru jew f'parti minnu skont il-liġi nazzjonali.

### 3.12 Perjodi ta' tiżmim

Xejn.

## 4. INFORMAZZJONI IMMUNOLOĠIKA

**4.1 Kodiċi ATC veterinarja:** QI04AA02 (nagħaġ) u QI02AA08 (baqar)

Jinduċi immunità attiva u speċifika kontra il-virus tal-bluetongue fl-annimal imlaqqam.

## 5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 5.1 Inkompatibbiltajiet maġġuri

Tħallatx ma' ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor.

### 5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm iddum tajba l-formulazzjoni monovalenti jew bivalenti bis-serotipi 1, 8 tal-Virus tal-Bluetongue (fliexken ta' 100 ml, 50 ml u 10 ml) u/jew 2, 4 tal-Virus tal-Bluetongue (fliexken ta' 100 ml u 50 ml): sentejn
Żmien kemm iddum tajba l-formulazzjoni monovalenti jew bivalenti bis-serotipi 2 tal-Virus tal-Bluetongue u/jew 4 tal-Virus tal-Bluetongue (fliexken ta' 10 ml): 18-il xahar
Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: uża immedjatament

### 5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2 °C – 8 °C).
Tagħmlux fil-friża.
Ipproteġi mid-dawl.

### 5.4 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Flixkun tal-polypropylene ta' 50 jew 100 ml b'tapp tal-butyl elastomere
Kaxxa ta' flixkun wieħed ta' 100 doża (1 x 100 ml)
Kaxxa ta' 10 fliexken ta' 100 doża (10 x 100 ml)
Kaxxa ta' flixkun wieħed ta' 50 doża (1 x 50 ml)
Kaxxa ta' 10 fliexken ta' 50 doża (10 x 50 ml)

Flixkun tal-ħġieġ tat-Tip I ta' 10 ml b'tapp tal-butyl elastomere
Kaxxa ta' flixkun ta' 10 dożi (1 x 10 ml)

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

### 5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

## 6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

## 7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/10/113/001-050

## 8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 17/12/2010

## 9. DATA TAL-AĦĦAR REVIŻJONI TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

XX/SSSS

## 10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fil-Bażi tad-*data* tal-Prodotti tal-Unjoni (https://medicines.health.europa.eu/veterinary).

**ANNESS II**

**KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Xejn

# ANNESS III

# TIKKETTA U L-FULJETT TA’ TAGĦRIF

## A. TIKKETTA

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**
**Kaxxa ta' flixkun wieħed ta' 10 ml**
**Kaxxa ta' flixkun wieħed ta' 50 ml**
**Kaxxa ta' 10 fliexken ta' 50 ml**
**Kaxxa ta' flixkun wieħed ta' 100 ml**
**Kaxxa ta' 10 fliexken ta' 100 ml**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

BTVPUR suspensjoni għall-injezzjoni għan-nagħaġ u l-baqar

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Kull doża ta' ml fiha:
**Sustanzi Attivi*:**

Virus inattivat tal-Bluetongue ≥ strain specific pass level ($log_{10}$ pixels)**
* massimu ta' żewġ serotipi tal-virus inattivat tal-Bluetongue

| (**)Strain-specific pass levels | (**)kontenut tal-Antiġen (proteina VP2) permezz ta' immuno-assay |
|---|---|
| BTV1 | 1.9 log10 pixels/mL |
| BTV2 | 1.82 log10 pixels/mL |
| BTV4 | 1.86 log10 pixels/mL |
| BTV8 | 2.12 log10 pixels/mL |

Test finali konfermattiv tal-potenza permezz ta' seronewtralizzazzjoni fil-firien jiġi mwettaq meta lott jinħareġ fis-suq

## 3. DAQS TAL-PAKKETT

10 dożi (10 ml)
50 doża (50 ml)
10 x 50 dożi (10 x 50 ml)
100 doża (100 ml)
10 x 100 doża (10 x 100 ml)

## 4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Nagħaġ u baqar

## 5. INDIKAZZJONIJIET

## 6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu taħt il-ġilda.

## 7. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: xejn.

## 8. DATA TA' SKADENZA

Exp. {jj/xx/ssss}
Ladarba jinfetaħ, uża immedjatament.

## 9. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ.
Tagħmlux fil-friża.
Ipproteġi mid-dawl.

## 10. IL-KLIEM "AQRA L-FULJETT TA' TAGĦRIF QABEL L-UŻU"

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

## 11. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS"

Għall-kura tal-annimali biss.

## 12. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

## 14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/10/113/001-050

## 15. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT**

**Flixkun ta' 100 ml**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

BTVPUR suspensjoni għall-injezzjoni għan-nagħaġ u l-baqar

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZI ATTIVI**

Kull doża ta' ml wieħed fiha:
**Sustanzi Attivi*:**

Virus inattivat tal-Bluetongue ≥ strain specific pass level ($log_{10}$ pixels)**
* massimu ta' żewġ serotipi differenti tal-virus inattivat tal-Bluetongue

| (**)Strain-specific pass levels | (**) kontenut tal-Antiġen (proteina VP2) permezz ta' immuno-assay |
|---|---|
| BTV1 | 1.9 log10 pixels/mL |
| BTV2 | 1.82 log10 pixels/mL |
| BTV4 | 1.86 log10 pixels/mL |
| BTV8 | 2.12 log10 pixels/mL |

Test finali ta' konferma tal-potenza permezz ta' seronewtralizzazzjoni fil-firien jiġi mwettaq meta lott jinħareġ fis-suq

**3. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Nagħaġ u baqar

**4. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI**

Użu taħt il-ġilda
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

**5. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

Żmien ta' tiżmim: xejn

**6. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {jj/xx/ssss}
Ladarba jinfetaħ, uża immedjatament.

## 7. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ.
Tagħmlux fil-friża.
Ipproteġi mid-dawl.

## 8. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

## 9. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT**

**Flixkun ta' 10 u 50 ml**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

BTVPUR



## 2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI

Kull doża ta' ml fiha*:

| | |
|---|---|
| BTV1 inattivat | ≥ 1.9 log10 pixels |
| BTV2 inattivat | ⩾1.82 log10 pixels |
| BTV4 inattivat | ≥ 1.86 log10 pixels |
| BTV8 inattivat | ≥ 2.12 log10 pixels |

(*) massimu ta' żewġ serotipi differenti tal-virus inattivat

10 dożi (10 ml)
50 doża (50 ml)

## 3. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

## 4. DATA TA' SKADENZA

Exp. {jj/xx/ssss}
Ladarba jinfetaħ, uża fil-pront.

# B. FULJETT TA' TAGĦRIF

## FULJETT TA' TAGĦRIF

### 1. L-isem tal-prodott mediċinali veterinarju

BTVPUR suspensjoni għall-injezzjoni għan-nagħaġ u l-baqar

### 2. Kompożizzjoni

Kull doża ta' ml fiha:

**Sustanza attiva*:**

Virus tal-Bluetongue inattivat ⩾strain specific pass level log10 pixels **
* massimu ta' żewġ serotipi differenti tal-virus inattivat tal-bluetongue.

| (**)Strain-specific pass levels | (**)kontenut tal-Antiġen (proteina VP2) permezz ta' immuno-assay |
|---|---|
| BTV1 | 1.9 log10 pixels/mL |
| BTV2 | 1.82 log10 pixels/mL |
| BTV4 | 1.86 log10 pixels/mL |
| BTV8 | 2.12 log10 pixels/mL |

Test finali konfermattiv tal-potenza permezz ta' seronewtralizzazzjoni fil-firien jiġi mwettaq meta lott jinħareġ fis-suq

**Sustanzi mhux attivi:**
Aluminium hydroxide ($Al^{3+}$) 2.7 mg
Saponin 30 HU**
(**) Unitajiet emolitiċi

It-tip ta' strejn (ijiet) (l-iżjed żewġ strejnijiet) inkluż fil-prodott finali jiġi selezzjonat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fil-waqt tal-manifattura u jiġi ddikjarat fuq it-tikketta.

Dehra: omoġena bajda qisha ħalib.

### 3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott

Nagħaġ u baqar.

### 4. Indikazzjonijiet għall-użu

Immunizzazzjoni attiva ta' nagħaġ għall-prevenzjoni tal-viremija* u għat-tnaqqis ta' sinjali kliniċi kkawżati mis-serotipi 1, 2, 4 u/jew 8 (taħlita ta' massimu 2 serotipi).tal-virus tal-bluetongue.

Immunizzazzjoni attiva ta' baqar għall-prevenzjoni tal-viremija kkawżata mis-serotipi 1,2,4 u/jew 8, u għat-tnaqqis ta' sinjali kliniċi kkawżati minn serotipi tal-virus tal-bluetongue 1, 4 u/jew 8 (taħlita ta' massimu ta' 2 serotipi).
*(taħt il-livell ta' detection bil-metodu validat RT-PCR ta' 3.68 log10 RNA kopji/ml, li jindika li ma kienx hemm trażmissjoni ta' virus infettiv).

Bidu tal-immunità: 3 ġimgħat (jew 5 ġimgħat fin-nagħaġ għal BTV2) wara l-ewwel kors ta' tilqim għas-serotipi ta' BTV1, BTV2 (baqar) BTV-4 u BTV-8.

Perjodu tal-immunità: sena waħda wara l-ewwel kors ta' vaċċinazzjoni.

## 5. Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

## 6. Twissijiet speċjali

Laqqam annimali f'saħħithom biss.
Jekk jintuża f'annimali ruminanti ta' speċi oħra kemm slavaġ u domestiċi li huma kkunsidrati f'riskju li jiġu infettati, l-użu tiegħu f'dawn l-ispeċi għandu jsir bil-galbu u huwa rakkomandat li l-vaċċin jiġi ttestjat fuq numru żgħir ta' annimali qabel il-tilqim ta' kollha. Il-livell ta' effikaċja għal speċi oħra jista' jkun differenti minn dak osservat fin-nagħaġ u fil-baqar.

<u>Tqala u treddigħ:</u>
Jista' jintuża waqt it-tqala u t-treddigħ.

<u>Fertilità:</u>
Is-sigurtà u l-effikaċja tal-vaċċin ma ġewx stabbiliti f'irġiel tar-razza. F'din il-kategorija ta' annimali il-vaċċin għandu jintuża biss skont valutazzjoni tal-benefiċċju/riskju mill-veterinarju responsabbli u/jew l-Awtoritajiet Kompetenti nazzjonali fuq il-politika kurrenti dwar il-tilqim kontra l-Virus tal-Bluetongue (BTV).

<u>Interazzjonijiet ma' prodotti mediċinali oħrajn u forom oħrajn ta' interazzjoni:</u>
M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

<u>Doża eċċessiva:</u>
Apatija rari ħafna u tranżitorja tista' tiġi osservata wara l-amministrazzjoni ta' doża doppja tal-vaċċin. L-ebda effetti oħra mhux mixtieqa ħlief dawk imsemmija f'sezzjoni "effetti mhux mixtieqa" ma ġew osservati.

<u>Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu:</u>
Kull persuna li għandha ħsieb timmanifattura, timporta, iżżomm, tbigħ, tipprovdi u tuża dan il-prodott mediċinali veterinarju li fih serotipi 1, 2, 4 u 8 għandha l-ewwel tikkuntattja l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħ, minħabba li dawn l-attivitajiet jistgħu jkunu pprojbiti fit-teritorju kollu ta' Stat Membru jew f'parti minnu skont il-liġi nazzjonali.

<u>Inkompatibilitajiet maġġuri:</u>
Tħallatx ma' ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor.

## 7. Effetti mhux mixtieqa

Nagħaġ u baqar:

- **Rari ħafna** (<1 animal / 10,000 annimal ittrattati, inkluż rapporti iżolati): Reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva, nefħa fis-sit tal-injezzjoni[1], żieda fit-temperatura tal-ġisem[2]

[1]mhux aktar minn 32 ċm$^2$ fil-baqar u 24 ċm$^2$ fin-nagħaġ, li ssir residwali 35 jum wara (≤ 1 ċm$^2$)
[2] ta' mhux aktar minn 1.7°C(b'medja ta' 1.1 °C), tista' sseħħ fi żmien 24 siegħa wara t-tilqim

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti mhux mixtieqa, anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-verinarju tiegħek. Tista' tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew lir-rappreżentant lokali tiegħu billi tuża d-dettalji ta' kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapportaġġ nazzjonali (dettalji tas-sistema nazzjonali).

## 8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni

Amministra doża waħda ta' ml taħt il-ġilda skont l-iskema ta' tilqim li ġejja:

- **L-ewwel kors ta' vaċċinazzjoni**

Fin-nagħaġ

- L-ewwel injezzjoni: minn xahar 'il fuq f'annimali li qatt ma kienu ġew amministrati l-vaċċin qabel (jew minn sentejn u ħames xhur 'il fuq f'annimali ta' eta' żgħira mwielda minn nagħaġ immuni).
- it-tieni injezzjoni: wara 3-4 ġimgħat

Għal vaċċin monovalenti li fih is-serotipi 2 jew 4 tal-virus inattivat tal-Bluetongue,jew għal vaċċin bivalenti li fih iż-żewġ serotipi 2 u 4 flimkien, injezzjoni waħda hija suffiċjenti.

Fil-baqar

- L-ewwel injezzjoni: minn xahar 'il fuq f'annimali li qatt ma kienu ġew amministrati il-vaċċin qabel (jew minn sentejn u ħames xhur 'il fuq f'annimali ta' eta' żgħira imwielda minn nagħaġ immuni).
- it-tieni injezzjoni: wara 3-4 ġimgħat

- **Ripetizzjoni tal-vaċċinazzjoni**

Annwali

## 9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett

Applika il-proċeduri sterili tas-soltu.

Ħawwad bil-mod immedjatament qabel l-użu. Evita li jiffurmaw bżieżaq, għax dan jista' jkun irritanti fil-post tal-injezzjoni. Il-kontenut kollu tal-flixkun għandu jintuża immedjatament wara li jinfetaħ u waqt l-istess proċedura. Evita li tiftaħ iżjed minn kunjett wieħed.

## 10. Perjodi ta' tiżmim

Xejn.

## 11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżen u ttrasporta fil-friġġ (2 ºC – 8 ºC).
Tagħmlux fil-friża.

Ipproteġi mid-dawl.

Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: uża immedjatament.
Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq il-pakkett wara Exp.

## 12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

Staqsi lill-kirurgu veterinarju tiegħek jew lill-ispiżjar  dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

## 13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

## 14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqsijiet tal-pakkett

EU/2/10/113/001-050

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq
Kaxxa ta' flixkun wieħed ta' 10 dożi (1 x 10 ml)
Kaxxa ta' flixkun wieħed ta' 50 doża (1 x 50 ml)
Kaxxa ta' 10 fliexken ta' 50 doża (10 x 50 ml)
Kaxxa ta' flixkun wieħed ta' 100 doża (1 x 100 ml)
Kaxxa ta' 10 fliexken ta' 100 doża (10 x 100 ml)

## 15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif

{XX/SSSS}
Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fid-Database tal-Prodotti tal-Unjoni (https://medicines.health.europa.eu/veterinary).

## 16. Dettalji ta' kuntatt

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-detallji ta' kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
Il-ġermanja

Manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott:
Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'Aviation
69800 Saint-Priest
Franza

Rappreżentanti lokali u d-detalji ta' kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

**België/Belgique/Belgien**
Boehringer Ingelheim Animal
Health Belgium SA
Avenue Arnaud Fraiteurlaan 15-23,
1050 Bruxelles/Brussel/Brüssel
Tél/Tel: + 32 2 773 34 56

**Република България**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Австрия
Tel: +359 2 958 79 98

**Česká republika**
Boehringer Ingelheim spol. s r.o.
Purkyňova 2121/3
CZ - 110 00, Praha 1
Tel: +420 234 655 111

**Danmark**
Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: + 45 3915 8888

**Deutschland**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
Tel: 0800 290 0 270

**Eesti**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Eesti filiaal
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austria
Tel: +372 612 8000

**Ελλάδα**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Γερμανία
Τηλ: +30 2108906300

**Lietuva**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Lietuvos filialas
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austrija
Tel: +370 5 2595942

**Luxembourg/Luxemburg**
Boehringer Ingelheim Animal Health Belgium SA
Avenue Arnaud Fraiteurlaan 15-23,
1050 Bruxelles/Brussel/Brüssel
Tél/Tel: + 32 2 773 34 56

**Magyarország**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & CoKG
Magyarországi Fióktelep
Lechner Ö. Fasor 10.
H-1095 Budapest
Tel: +36 1 299 8900

**Malta**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, il-Ġermanja
Tel: +353 1 291 3985

**Nederland**
Boehringer Ingelheim Animal Health
Netherlands bv
Basisweg 10
1043 AP Amsterdam
Tel: +31 20 799 6950

**Norge**
Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: +47 66 85 05 70

**Österreich**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien
Tel: +43 1 80105-6880

**España**
Boehringer Ingelheim Animal Health España, S.A.U.
Prat de la Riba, 50
08174 Sant Cugat del Vallès (Barcelona)
Tel: +34 93 404 51 00

**France**
Boehringer Ingelheim Animal Health France, SCS
29, avenue Tony Garnier
69007 Lyon
Tél : +33 4 72 72 30 00

**Hrvatska**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austrija
Tel: +385 1 2444 600

**Ireland**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Germany
Tel: +353 1 291 3985

**Ísland**
Vistor
Hörgatún 2
210 Garðabær
Sími: + 354 535 7000

**Italia**
Boehringer Ingelheim Animal Health Italia S.p.A.
Via Vezza d'Oglio, 3
20139 Milano
Tel: +39 02 53551

**Κύπρος**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Γερμανία
Τηλ: +30 2108906300

**Latvija**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Latvijas filiāle
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austrija
Tel: +371 67 240 011

**Polska**
Boehringer Ingelheim Sp. z o.o.
ul. Józefa Piusa Dziekonskiego 3
00-728 Warszawa
Tel.: + 48 22 699 0 699

**Portugal**
Boehringer Ingelheim Animal Health Portugal, Unipessoal, Lda.
Avenida de Pádua, 11
1800-294 Lisboa
Tel: +351 21 313 5300

**România**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Sucursala Bucureşti
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austria
Tel: +40 21 302 28 00

**Slovenija**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Podružnica Ljubljana
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Avstrija
Tel: +386 1 586 40 00

**Slovenská republika**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG, o.z.
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Rakúsko
Tel: +421 2 5810 1211

**Suomi/Finland**
Vetcare Oy
PL/PB 99
24101 Salo
Puh/Tel: + 358 201443360

**Sverige**
Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: +46 (0)40-23 34 00

**United Kingdom (Northern Ireland)**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Germany
Tel: +353 1 291 3985

## 17. Tagħrif ieħor

Jinduċi immunità attiva u speċifika kontra il-virus tal-bluetongue fl-annimal imlaqqam.